MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 299/2005

**KNK Air Conditioners Co. Ltd**

**Vs**

**Claudio Martinelli bhala Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza ta Msida FC**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut nomine ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tletin lira (Lm230) rapprezentanti bilanc tal-valur ta merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut nomine.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 23 ta April 2004 u tal-ittra ufficcjali datata 3 ta Settembru 2004 u bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mid-data ta l-imsemmija ittra ufficcjali kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenut noe iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut noe naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut noe ihallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta' mitejn u tletin lira (Lm230) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-3 ta Settembru 2004 u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut noe.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------